Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0906(NLE)

28.1.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew
(N10-0080/2025 – C10-0366/2025 – 2025/0906(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq

WERREJ

Page

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 6

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 7

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew
(N10-0080/2025 – C10-0366/2025 – 2025/0906(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2025 għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (C10-0366/2025),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 26(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu[1],

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-modalitajiet prattiċi tal-eżerċizzju tar-responsabbiltà demokratika u tas-superviżjoni tal-eżerċizzju tal-kompiti mogħtija lill-BĊE fil-qafas tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjieg fis-servizz pubbliku[4],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 135 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2026),

A. billi l-Artikolu 26(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 jipprevedi li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jibgħat il-proposta tiegħu għall-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju lill-Parlament għal approvazzjoni;

B. billi l-Viċi President tal-Bord Superviżorju jeħtieġlu jintgħażel minn fost il-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE;

C. billi l-Artikolu 26(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 jipprevedi li l-ħatriet għall-Bord Superviżorju skont dan ir-Regolament għandhom jirrispettaw il-

[1] ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj.
[2] ĠU L 320, 30.11.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2013/1130/oj.
[3] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 105.
[4] ĠU C 270, 7.7.2021, p. 113.

prinċipji tal-bilanċ bejn is-sessi, l-esperjenza u l-kwalifiki;

D. billi l-Parlament huwa impenjat li jiżgura bilanċ bejn il-ġeneri fl-ogħla pożizzjonijiet fil-qasam tas-servizzi bankarji u finanzjarji; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw bilanċ bejn il-ġeneri;

E. billi fl-10 ta' Diċembru 2020[5], il-Kunsill Ewropew ħatar lil Frank Elderson bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal mandat ta' tmien snin mill-15 ta' Diċembru 2020 b'konformità mal-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

F. billi, fit-22 ta' Frar 2021[6], il-Kunsill Ewropew ħatar lil Frank Elderson bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE għal perjodu ta' ħames snin mill-24 ta' Frar 2021;

G. billi, permezz ta' ittra tas-17 ta' Diċembru 2025, il-BĊE ppreżenta lill-Parlament proposta biex il-mandat ta' Frank Elderson, bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE, jiġi estiż għat-tieni mandat b'durata li tikkoinċidi ma' tmiem il-mandat tiegħu bħala membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE;

H. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament imbagħad ipproċeda bl-evalwazzjoni tal-kredenzjali tal-kandidat propost, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013;

I. billi l-kumitat, fit-28 ta' Jannar 2026, organizza seduta ta' smigħ mal-kandidat propost, li matulha l-kandidat għamel stqarrija preliminari u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet imressqa mill-membri tal-kumitat;

MT

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2020/2049 tal-10 ta' Diċembru 2020 li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 420, 14.12.2022, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2049/oj).

[6] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/325 tat-22 ta' Frar 2021 dwar il-ħatra tal-Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 64, 24.2.2022, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/325/oj).

1. [Jagħti/Jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu] għall-ħatra ta' Frank Elderson bħala Viċi President tal-Bord Superviżorju tal-Bank Ċentrali Ewropew [u jitlob li tiġi rtirata l-proposta kif ukoll li tiġi ppreżentata proposta ġdida];

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport tfassal wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji eżerċita s-setgħat mogħtija lill-Parlament skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 26 tiegħu, u wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji stabbilixxa proċeduri fil-kwistjoni tal-ħatriet għall-korpi regolatorji u superviżorji fil-qasam ekonomiku u finanzjarju.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha li fir-rapport tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).